# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali
# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Il-Pulizija

Vs

Glenn Gerald Urry

Illum 10 ta' Lulju, 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni dedotti kontra **Glenn Gerald Urry** (I.D. 509088M) imwieled fil-1/11/1998 gewwa Malta u residenti 55, St Mary, Triq Santu Wistin, Tarxien akkuzat talli waqt spezzjoni b' sorpiza li sehhet fil-**24 ta' Novembru, 2022** gewwa **Fourt's Pastizzeria, Pjazza Antoine de Paule, Paola Malta ,** int jew impjegati tieghek jew xi persuna ohra li kienet qed tagixxi ghan-nom tieghek, inqast li taghti jew tipproduci ricevuta fiskali permezz ta' *cash register* fiskali jew kotba ta' ricevuti fiskali manwali kif approvati mill-Kummissarju, li jikkonformaw mal-htigijiet specifikati fil-partita 10 tat-Tlettax-il Skeda li tinstab mal-Att tal-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud skond il-kumpens lilek imhallas ghal dik il-provvista u dan bi ksur tal-partiti 1, 2, 3 u 10 tal-imsemmija Skeda u l-artikoli 51 u 77(a) u ( e) u 81 u 82 tal-Att Nru. XXIII tal-1998.

Semghet ix-xhieda bil-gurament ta' Lorraine Galea in rapprezentanza tal-Kummissarju tat-Taxxi u Dwana fis-seduta tal-25 ta' Ottubru 2023; ta' Darryl John Cachia in

rapprezentanza tal-Kummissarju tat-Taxxi u Dwana fis-seduta tal-25 ta' Ottubru, 2023; ghall-prosekuzzjoni; ta' l-imputat Glenn Gerald Urry fis-seduta tal-25 ta' Ottubru, 2023;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-artikoli partita 10 tat-Tlettax-il Skeda li tinstab mal-Att tal-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud, il-partiti 1, 2, 3 u 10 tal-imsemmija Skeda u l-artikoli 51 u 77(a) u ( e) u 81 u 82 tal-Att Nru. XXIII tal-1998.

Rat d-dokumenti, x-xhieda u l-atti kollha;

Ikkunsidrat

Provi tal-prosekuzzjoni

**Lorraine Galea**, Revenue Inspector, xehedet fis-seduta tal-25 ta' Ottubru, 2023. Tixhed li fit-24th November 2022 ghamlu inspection ghand FOURTs Passtizzeria, Antoine De Paul Square, Paola. Tixhed:-

> "hemmekk ahna osservajna bejgh rajna il-customer mid-distanza u hallas ghall-pizza kienet ta 1.70 waqqafna il-customer wara telaq minn mal-hanut u ghednilu biex itina ir-receipt ma kellux receipt u hu akkompanjana."

Ma hadux isem il-klijent. Fil-hanut sabu lil Mr. Urry, (I.D. 509088M), impjegat. Talbuh johrog rcevuta u hariga. Innutaw li l-ahhar ircevuta li kien hareg kienet ta siegha qabel ghax kienet ghadha imwahhla mal-cash register. Ix-xhud iipprezenzat l-X reading u l-kopja tal-ircevuta li ghamlihom
Ix-xhud tezebixxi l-X reading (DOK LG), l-ircevuta taghhom (DOK LG 1), u dawn l-ircevuti li kienu imwahhlin mal-cash register (DOK LG 2.)

"Avu: Tista tisjegalna xìnhuma id-differenza bejniethom?

Xhud: L-X reading huwa it-total ta sales li sar ta dik il-gurnata l-ircevuta tal-1.70 li hija tal-pizza li ghednilu biex johrog ahna u zewg ircevuti l-ohrajn kienu imwahhlin mal-cash register gibnihom bhala prova li bejn l-ircevuta u l-

> ircevuta li hareg lilna ma kienx hemm ircevuti ohrajna ta dak l-istess ammont."

In kontro-ezami tirrispondi li meta kienu qed josservaw kienu ftit il-boghod mill-hanut u minn fejn kienu setghu jaraw il-bejgh isir. Raw ukoll li kien sar il-hlas.  Mistoqsija jekk il-klijent kienu dahru lejhom tirrispondi

> "Xhud: Mhux dahru lejna we were on the site we could see the transaction."

Ma hadux notament ta' isem u kunjom il-klijent ghax qatt ma jiehdu dettalji tal-klijent.

Mistoqsija inghatax bqija tirrispondi li ma tifakarx ghax in-nota taghhom kienet 'hallas' u l-importanti kienet li transazzjoni saret umbaghad tlabuh ghal-ircevuta u ikkonfermalhom il-customer li hallas  €1.70

Tixhed li Mr. Urry aqqas biss ikkomplejnja u mal-ewwel harigha l-ircevuta. Lil imputat ma tarfux fl-awla imma raw l-karta tal-identita' u n-numru ikkonfermawh.

**Daryl John Cachia**, Revenue Inspector MTCA, xehed fis-seduta tal-25 ta' Ottubru, 2023. Jixhed li fil-24 ta' Novembru, 2022 kienu qeghdin jaghmlu inspection fl-inhawi tal-Polyclinic ta`Rahal Gdid u ftit il-boghod kien hemm tal-pastizzi u raw persuna qed tixtri. Il-hanut jismu Four T Pastizzeria.

Waqfu lil klijent li ma setghax jipprovdi ircevuta u marru  fuq il-persuna li qieghed ibiegh il-pastizzi u tlabuh l-ircevuta. Innutajaw ukoll illi mal-cash register kien ghad hemm ircevuta illi kellha data tal-5.35 illi kienet siegha qabel li ghamlu l-ispezzzjoni.

Jikkonferma d-dokumenti pprezentati mix-xhud precedenti.

Fil-hanut kellmu lil Glenn Urry id card 509088M u raw l-karta tal-identita' ukoll. Ix-xhud jaghraf lil imputat fl-awla.  Lill-imputat talbuh l-ircevuta u hu harigha.

<u>Provi prodotti mid-Difiza.</u>

**Glenn Gerald Urry**, l-imputat xehed fis-seduta tal-25 ta' Ottubru, 2023. Ix-xhud gie muri d-Dokumenti DOK LG, LG1 u LG2 ezebiti in atti.

Mistoqsi fuq l-X reading ezebit jirrispondi

"Xhud: L-X reading kienet 630 ewro issa ahna hawnekk qed nitkellmu hanut tal-pastizzi mhux hanut tal-gojjelerija 630 ewro huma quite an amount li gara dak il-hin huwa li jein spiccali ir-roll tal-VAT u ma stajtx insibu kelli,

Qorti: Hrigt wahda manwali minflok?

Xhud: Le ma hrigtx manwali ahna nahdmu bir-roll probabbli kelli receipt book ukoll imma ma stajtx insibu ovvjamnt sakemm sibtu ma stajtx inhalli in-nies jistennew ghax taf inti in-nies ikunu demanding dik kienet il-problema kollha ma stajtx insib dar-roll tal-VAT u mabgahd sibtu u eventwalment meta gew."

Ikkunsidrat

Illi l-imputat huwa impjegat jew persuna li kienet qed tagixxi ghan-nom tas-sid fil-pastizzerija Fourt's Pastizzerija, Pjazza Antoine de Paule, Paola. L-ispetturi kienu dak in-nhar tal-24 ta' Novembru 2022 qed jaghmlu spezzjonijiet b' sorpriza u osservaw klijent jixtri mill-istabiliment. Meta talbu lil imputat johrog l-ircevuta huwa harigha prontament u l-istess spetturi elevaw rcevuta ohra li kienet imwahla mal-cash register u li kienu ta' bejgh li saru siegha qabel ma ma saret l-ispezzjoni fl-istabiliment.

L-imputat gie identifikat mix-xhieda tal-prosekuzzjoni kemm mill-karta tal-identita' tieghu kif ukoll b' mod viziv mix-xhud Daryl John Cachia li gharaf lil imputat fl-awla.

Illi fil-kaz in ezami l-imputat inniffsu ammetta fix-xhieda tieghu stess meta qal li ma harigx ircevuta ghaliex skont hu ma 'setghax isib dar-roll tal-VAT'. Ammetta ukoll li l-anqas ma hareg rcevuta manwali.

Illi ghaldaqstant l-akkuzi dedotti kontra l-imputat anki' b' ammissjoni tieghu stess jirrizultaw li huma pprovati.

**Decide**

Ghaldaqstant l-Qorti wara li rat l-artikoli  partita 10 tat-Tlettax-il Skeda li tinstab mal-Att tal-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud,  il-partiti 1, 2, 3 u 10 tal-imsemmija Skeda u l-artikoli 51 u 77(a) u ( e) u 81 u 82 tal-Att Nru. XXIII tal-1998 issib lil imputat **Glenn Gerald Urry** hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu u tikkundannah multa ta' tlett elef euro (3000).

Il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**
**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**
**Deputat Registratur**